A.L. 126 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, u bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, iċ-*Chairman* ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 24 ta' l-1948.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-13 ta' Awissu, 1993.

Jemenda r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minnufih wara s-subparagrafu (b) tal-paragrafu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) ma tattendix regolarment għal Kors ta' Tagħlim, skond *syllabus* preskritt mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, għad-detenturi prospettivi ta' liċenzi speċjali (Kategorija B1 u Kategorija D) u tgħaddi minn eżami fi tmiem l-imsemmi kors; u"; u

(b) is-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (4) tiegħu għandu jitħassar.